# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2016**

**Appell numru 1197/2013/1**

**Granata Maria Regina**

**v.**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Preliminari**

**1.** Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellant permezz tal-avukat tiegħu fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Novembru 2015 li biha rrekuża lill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi u dan peress li l-istess Imħallef kien ċaħad mandat ta' inibizzjoni relatat mal-proċeduri odjerni li għalih hemm riferenza fir-rikors tal-appell (Nru. 1355/13) u dan b'motivazzjoni tali li tinduċih jissolleva l-eċċezzjoni tar-rikkuża tal-istess Imħallef.

**Fatti**

**2.** Fir-rikors numru 1355/13 li għalih saret riferenza l-appellanti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-appellat peress li l-appellat kie qiegħed jippretendi li hija kellha tiżgombra mill-*boathouse* imsemmi fir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju u li hi allegatwament għandha l-pussess tagħha b'titolu ta' lokazzjoni konċess mill-appellat.

**3.** B'digriet tas-27 ta' Settembru 2013 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi dik il-qorti caħet it-talba għall-mandat mitlub:

> "Peress li r-rikorrenti ġiet mogħtija l-'congedo' u allura hija qed tokkupa l-'boathouse' mingħajr titolu mill-iskadenza sussegwenti skond il-kodiċi ċivili.
> Jirriżulta għalhekk li hija ma għandhiex prima facie dritt titlob il-ħruġ tal-mandat."

**4.** Fl-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti llum ir-rikorrenti qiegħdha titlob li jiġi deċiż li l-appellat wettaq spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-appellanti meta l-appellant ċaħħadha mill-pussess u tgawdija tal-*boathouse* imsemmija u sabiex jiġi ordnat li hija tiġi reintegrata fil-pussess tal-istess *boathouse* u fin-nuqqas tiġi awtorizzata teżegwixxi x-l-atti u x-xogħolijiet neċessarja sabiex isseħħ tal-reintegrazzjoni jew alternativament fl-eventwalità li r-reintegrazzjoni ma tkunx aktar possibbli sabiex l-appellat jiġi kundannat iħallas lill-appellanti somma li tiġi likwidata bħala *reintegrazione per equivalente*.

**5.** L-appellat ikkontesta t-talba tal-appellant billi, fost raġunijiet oħra, għamel riferenza għad-deċizjoni fuq imsemmija li biha ġie miċħud il-mandat ta' inibizzjoni mitlub fuq il-bazi li l-appellanti kienet ġiet mogħtija l-congedo u allura hija qiegħda tokkupa l-boathouse mingħajr titolu u għalhekik ma għandhiex prima facie dritt titlob il-ħruġ tal-mandat u issottometta li għalhekk it-talbiet tal-appellanti fis-sens li hemm spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħha meta huwa eżerċita d-dritt tiegħu li jiżgombra hunma fiergħha u għandhom jiġu miċħuda.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**6.** L-appellanti ma speċifikatx il-paragrafu relevanti tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 li qiegħdha tinvoka li fuqu qiegħda ssejjes l-eċċezzjoni tagħha ta' rikuża iżda jidher li l-paragrafu relevanti huwa l-paragrafu (1)(d) tal-istess artikolu li jgħid:

"jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru".

**7.** Issa, skont il-liġi, l-eżami sabiex jiġi deċiż jekk jinħariġx mandat ta' inibizzjoni isir fuq il-bażi jekk ikunx jidher li min jitlob il-ħruġ tal-mandat ikollu prima facie d-dritt li jippretendi li għandu u li jkun jixtieq iħares bil-ħruġ tal-istess mandat[1]. Di fatti fid-deċiżjoni fuq imsemmija li biha ġie miċħud il-mandat mitlub jingħad testwalment li kien irriżulta li l-appellanti

[1] Ara art. 873(2) tal-Kap. 12

"ma għandhiex prima facie dritt titlob il-ħruġ tal-mandat" (sottolinear tal-Qorti). Inoltre l-proviso tal-paragrafu 734(1)(d)(ii) jipprovdi li l-istess dispożizzjoni ma tgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mill-imħallef meta ma tkux qatgħet definitivament il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet u deċizjoni li tingħata fuq bażi prima faċie ma tistax tiġi ritenuta li tkun qatgħet il-mertu tal-kwistjoni.

**8.** Fl-istess ħin fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-appellat qiegħed jinvoka d-deċiżjoni li biha ġie miċħud il-mandat ta' inibizzjoni u l-motivazzjoni tagħha sabiex jikkontrasta l-azzjoni speċjali odjerna ta' spoll privileġġjat intentata mill-appellanti. B'danakollu ma hemm xejn fl-istess deċiżjoni li jimplika xi pronunzjament naħa jew oħra li dak deċiż b'xi mod kien jew ma kienx ta' ostakolu għall-eżerċizzju tal-azzjoni speċjali odjerna ta' spoll privileġġjat li hu dak li jrid jiġi deċiż fl-appell li għandha quddiemha din il-Qorti.

**Provvediment**

Għaldaqstant ma jirriżultax li dak deċiż mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi bid-digriet tiegħu fuq imsemmi tas-27 ta' Settembru 2013 jagħti lok għar-rikuża tiegħu skont l-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12 u għalhekk l-eċċezzjoni ta' rekuża sollevata mill-appellanti qiegħda tiġi miċħuda.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali ta' din il-Qorti.